**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 5 ta' Gunju 2025**

Rikors Numru: 72/2025 AL

AB u b'digriet tad-29 ta' Mejju 2025 il-kunjom ġie korrett għal C

vs

D C

(M.R. Numru 2223/1998)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

Dill hija izzewwget lil **D C** passaport Sirjan numru 3018156 nhar it-18 ta’ Dicembru 1998 u minn dan z-zwieg ma kellhomx ulied;

ILLI l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Timothy Ellis datat 25 ta Mejju 2006 **Dok 'AA';**

ILLI l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal iktar minn sena;

ILLI l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjernu manteniment minghand xulxin;

ILLI ma hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-Ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta’ Frar 2025;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta’ Mejju 2006.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Il-Qorti rat ukoll illi l-intimata talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` “B”; Il-Qorti tilqa’ t-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-passi kollha f’dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ “B”, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.